## P7_TA(2010)0080

## Ħatra ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri - Is-Sur Louis Galea

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2010 dwar in-nomina ta' Louis Galea bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0020/2010 – 2010/0808(NLE))

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat FUE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0020/2010),

– wara li kkunsidra l-fatt li, fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Marzu 2010, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-persuna nominata mill-Kunsill bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0042/2010),

A. billi Louis Galea jissodisfa il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat FUE,

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar in-nominazzjoni ta' Louis Galea bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet ta' verifika tal-Istati Membri.